KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tas-seba' u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis, 22 ta' Dicembru, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Abela | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u messaggi mis-Sindku

   - Is-Sindku issuggerixxa li tinkiteb ittra lis-Sur Anthony Debono mic-CMU bhala ringrazzjament li rrangaw il-poggaman b'gebel gdid tat-tarag tal-Knisja tal-Lourdes. Fl-ittra isir ringrazzjament ukoll tat-tindif, kisi b'cement tal-art u saqaf bil-konkos gdid tal-Wied Simerat li sar mic-CMU ricentament.

   - Ghajnsielem Football Club – rikjesta ghal-xiri t' *uplighters* u jitnehhew il-fanali s-suwed li hemm fuq il-bankina quddiem il-Kazin tal-football. Il-kunsill qabel li bhala ghajnuna biex jinxtraw dawn l-*uplighters*, il-Kunsill mhux f'pozizjoni li jofri, izda il-Kunsill ser jitlob lill-enginiera mill-Enemalta biex taghti s-suggerimenti taghha fuq dan il-kaz, u anke issir laqgha fuq il-post.

   - Il-kumitat tal-Football stieden lill-Kunsill kollu ghal-ftuh ufficcjali tar-*refurbishment tal-kazin* nhar il-Gimgha, 23 ta' Dicembru fit-8.00pm.

   - Risposta fuq rikjesta t'art tal-Gvern – il-GPD talab ghal-indikazzjoni taz-zona fejn qed jitlob il-Kunsill f'Ghajnsielem biex isir ground tal-football. Is-Sindku offra li jmur l-ufficcju tal-*lands* u jara fejn hemm art tal-Gvern f'Ghajnsielem, u wara din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss. Kulhadd qabel ma dan.

   - DNO ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem – il-Kunsill ircieva l-permess nhar il-23 ta' Novembru, 2011.

   - Memo 65/2011 – skema t' attivitajiet kulturali 2011/2012 – id-dipartiment alloka €10,000 lill-Kunsill t'Ghajnsielem biex ittaffi ftit mill-ispejjez fl-attivita ta' Bethlehem f'Ghajnsielem.

- *Tour* fil-Palestina u Israel organizzat min Dr. Joe Mifsud – fl-ufficcju tal-Kunsill hawn kopja tal-programm ghal min ikun interessat.

- TM – rapport fuq zewg talbiet ghal-*reserved Parking* – Ms. Susan Credland u Mr. John Weathrburn. Il-Kunsill approva li dawn isiru u talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex timla l-formuli. Wara, din il-formula tghaddi ghand Transport Malta.

- Eko Ghawdex – il-Ministeru ghal-Ghawdex approva l-fondi ghal-applikazzjoni tal-kostruzzjoni tal-Ghajn tal-Hasselin, xiri ta' *Eko Truck*, u tindif tal-Wied ta' Simirat. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil-perit Scerri biex jibda jipprepara t-tender tat-tindif tal-wied u applikazzjoni tad-DNO lill-MEPA u lil-Engineer Renzo Curmi biex jipprepara t-tender ghal-*eco truck*.

- Risposta minn ghand Vodafone u Go rigward l-antenna – risposta li huwa studjat li l-antennas fuq il-bjut la jaghmlu hsara fis-sahha u anqas jigbdu aktar sajjetti lejn l-antenna.

4. Kompetizzjoni tal-isbah Presepju u tizjin tat-twieqi

Is-Sindku qal li din is-sena applikaw 5 persuni ghal-kompetizzjoni tal-presepju u 4 persuni ghal-kompetizzjoni tat-twieqi. Gie deciz li sal-laqgha li jmiss ghandha issir l-evalwazzjoni ta' dawn il-presepji u twieqi u fil-laqgha ta' Jannar jinghataw ir-rigali lill-ewwel, it-tieni u t-tielet rebbieh u rigal zghir ta' participazzjoni lil min ippartecipa.

5. Ta' Passi

Is-Sindku spjega dwar il-laqgha li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u mal-perit Edward Scerri kellhom biex giet diskussa kif ghanda ssir l-emenda tal-applikazzjoni kif gie ssuggerit mil-MEPA. Is-Sindku spjega li wara diskussjoni gie konkluz li l-ghar ghandu jinbena permanenti flimkien ma' mahzen taht l-art, fir-raba li hemm wara l-Kazin tal-Banda. Dan jigi hdejn il-propost *Visitors Centre* u fil-parti li qeghdha fid-*Development Zone*. Il-Kunsill qabel ma dan.

6. Polza t'Assigurazzjoni

Il-Kunsill approva li terga tiggedded il-poloz kollha t' Assigurazzjoni li ghandu l-Kunsill.

7. Programm Ewropew li jirrigwardja *social exclusion*

Il-Kunsill ta' Rahal Gdid stieden lil-Kunsill t'Ghajnsielem, Isla u Birzebbuga biex flimkien napplikaw ghal-fondi mill-Unjoni Ewropeja ghal gid ta' kull kommunita rispettivament. Il-programm ser ihares kif il-Kunsill jista jghin lit-tfal tas-Sekondarja li jbatu min xi forma ta'

*social exclusion*. Il-Kunsill qabel li jissieheb ma dawn il-kunsilli biex issir applikazzjoni ghal-dan il-progett.

8. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku qara r-risposta li rcieva l-Kunsill min ghand l-Isqof rigward is-suggett imsemmi. L-Isqof kiteb li jixtieq jghin biex tinstab soluzzjoni ghal-problema tal-Kunsill fuq il-Pjazza. Wara din l-ittra l-Kunsill rega kiteb lill-Isqof biex jaghtina data mill-aktar fis biex inkunu nistghu niltaghqu. Is-Sindku qal li sal-lum il-Kunsill ghadu bla risposta mill-Isqof fuq dan. Ghalhekk il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv biex tibghat e-mail lis-Segretarju ta' l-Isqof, Dun Eddie, fejn titlob li l-Kunsill jinghata id-data ghal-laqgha mal-Isqof mill-aktar fis possibli.

9. Post vakanti fl-Amministrazzjoni

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-prezenti li s-Sur Godwin Azzopardi nforma lis-segretarju li ghandu l-hsieb li jmur jahdem Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet tghid li l-iskrivan ghadu ma tahiex l-ittra tar-rezenja. Saret diskussjoni u l-Kunsill iddecida li johrog sejha ghal-*executive officer* fi skala 13.Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lil-iskrivan Joseph Ciantar biex jigi skrivan full-time peress li x-xoghol tal-kunsill dejjem qed jizdied.

10. Tenders.

- Servizz t'Accountant – il-Kunsill approva l-irhas offerta u ghalhekk ghazel lill-3A Accountants
- *Office Furniture u Office Seating* – is-Sindku spjega li hemm bzonn li jintalbu aktar kjarifiki biex issir decizjoni.

11. Ikla tal-Milied

Il-Kunsill iddecieda li jmur nhar l-Erbgha, 28 ta' Dicembru, 2011 fir-Restaurant Pulitos, x-Xaghra.

12. Customer care

- Cordina street – isiru sinjali bojod f'nofs it-triq biex ikunu aktar ta' gwida fis-sewqan. Il-prezenti qablu ma dan.

- *No right turn* min Triq l-Imgarr ghal Triq Sant' Indrija – nitolbu lil TM biex issir tabella mat-Triq l-Imgarr fejn turi dan.

13. Materji ohra

Stephen Mercieca

- Titranga Triq il-Palma
- Bankijiet fit-Triq il-Gnien – is-Sindku rrisponda li dawn ordnati

Peter Caruana

- Triq Raymond Caruana – bankina mitluqa tinghata l-konkos
- Issir Bus Stop fit-Triq il- Qala, man nahha tan-Nadur – il-prezenti qablu ma dan
- Titranga t-toqba li hemm fit-Triq Sant Antnin, quddiem il-Grand Hotel
- Jinghataw passata zebgha l-bankijiet ta' fuq il-Belvedere, fit-Triq Hamri

Larry Buttigieg

- Toqba quddiem is-sagristija
- Hofor fit-Triq il-Moghdija
- Sinjali sofor fit-Triq Benghazi

Joe Camilleri

- Bozza fejn il-Knisja tal-Lourdes – is-Sindku irrisponda li ghandu jaghmilha Richard Cauchi.
- Staqsa jekk konniex applikajna taht xi skema biex isir restawr tal-bazi tal-Fontana fil-Pjazza tad-Dehra – is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li hija applikat ghal dan fl-skema ta' Progetti Specjali.
- Jitnaddfu l-bins ta' quddiem il-kazini u tac-cimiterju

Il-laqgħa ntemmet fit-5.30pm. Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 19 ta' Jannar, 2012 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv